# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 20/2021/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Ivan Bajada**
***Omissis***
***Omissis***
***Omissis***

Illum 14 ta' Diċembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Ivan Bajada**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 381275(M), *Omissis*, *Omissis* u *Omissis* akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-12 ta' Novembru 2017 għall-ħabta tad-21.30hrs f'CCF f'diviżjoni tlettax (13):

1. inġurjaw jew heddew, jew għamlu offiża fuq il-persuna ta' CO 143, CO 1, CO 169 u CO 175 inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħawhom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tapplika l-provvedimenti ta' Artikolu 33A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' Jannar 2021, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 33A u 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Ivan Bajada ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u kkundannatu ħames (5) xhur priġunerija li minnhom kellu jitnaqqas dak skontat taħt arrest preventiv.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2021 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi: 1.* ***tirrevoka u tħassar*** *is-sentenza appellata fejn sabet lill-esponent ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u minflok tiddikjarah mhux ħati tal-imputazzjoni dedotta u tilliberah kompletament skont il-liġi; 2. Alternattivament u mingħajr preġudizzju, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, jogħġobha* ***tirriforma*** *s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tiġi imposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-18 ta' Jannar 2021 fil-konfront ta' Ivan Bajada biss.

Illi f'dan l-istadju għandu jkun innutat li l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant allura imputat kienet ġiet addebitata wkoll lil tliet persuni oħra u li fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2020 miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti (*a fol.* 37), l-Ewwel Qorti ordnat is-separazzjoni tal-ġudizzju bejniethom b'dan illi dakinhar stess ġiet deċiża l-kawża fil-konfront tat-tliet persuni in kwistjoni u mbagħad il-kawża fil-konfront tal-appellant allura imputat kompliet tinstema' f'seduti oħra sakemm eventwalment ġiet deċiża.

Illi din il-Qorti ser tgħaddi issa sabiex il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-erba' aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-<u>ewwel aggravju</u> tal-appellant huwa li l-Prosekuzzjoni ma ġabitx il-provi li titlob il-liġi għar-reat addebitat lilu u skont hu l-provi miġjuba ma jwasslux sal-grad ta' lil hinn minn kwalunkwe dubju raġonevoli. Jgħid li ma tressqet ebda prova li hu hedded, inġurja jew offenda lil CO 143, CO 169 u CO 175. Jisħaq li hu ħtieġ għajnuna medika minħabba l-istat mentali tiegħu u li CO 121 applika l-forza biex iwaqqfu (lill-appellant) milli jipperikola lilu nnifsu. Jgħid li hu kellu biċċa plastik f'idu u li hu (l-appellant) irreaġixxa wara li CO 121 kien żammu fiżikament. Jisħaq li mkien

ma hemm li hu (l-appellant) ipponta l-biċċa plastik, liema biċċa plastik ma kinitx eżebita. Jgħid li CO 175 ivarja radikalment mill-fatti li xehed dwarhom CO 121 u li qatt ma semma l-biċċa plastik jew li l-plastik inqalgħet minn banketta. Jargumenta li lanqas hemm qbil dwar min arrestah fejn kien indikat CO 143 li mmannettjah. Jgħid li dan ix-xhud qatt ma ttella' jixhed. Jisħaq li skont Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, xhud wieħed jekk jitwemmen huwa biżżejjed. Jagħmel riferenza għal ġurisprudenza, fosthom għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' April 1957 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Peralta** fejn il-Qorti kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Jargumenta li jenħtieġ li tkun osservata l-*best evidence rule* u li l-prova indizzjarja trid tkun univoka u wieħed irid joqgħod attent għax din tista' tqarraq. Jissottometti li l-prova għandha tkun lil hinn minn kwalunkwe ombra ta' dubju. Huwa jħossu aggravat għaliex l-Ewwel Qorti straħet fuq ir-rapport tal-Pulizija kif ukoll għaliex jeżisti kunflitt fil-provi. Jgħid li f'dan il-każ il-verżjoni ta' CO 121 u CO 175 huma direttament opposti fis-segwenti: dwar it-theddid, l-inġurji jew offiżi li allegatament saru minnu, dwar jekk kellux oġġett bil-ponta f'idejh u/jew minn fejn seta' ġie, u min attwalment arrestah (lill-appellant). Jisħaq li l-Qorti għandha tara jekk verżjoni kellhiex teskludi l-oħra fuq bilanċ ta' probabilita' u jisħaq ukoll li għandu jkun hemm evidenza li tikkorrobora.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti kkunsidrat, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- **Helenio Galea** (li huwa stazzjonat ir-*Records Office* tal-ħabs) ippreżenta dokument (*a fol.* 67) li juri li fit-12 ta' Novembru 2017 (jiġifieri fid-data tal-inċident) kien hemm trasferiment tal-appellant minn diviżjoni tlettax (13) għal diviżjoni sitta (6).

- **CO 121 Patrick Aquilina** (*a fol.* 70) xehed li kien mar jiftaħ iċ-ċella tal-appellant sabiex jarah it-tabib u li l-appellant kien ħiereġ quddiemu u f'idu kellu xi ħaġa moħbija wara jdejh. Jgħid li din kienet plastik għal ponta għax kien kisser

banketta tal-plastik u x'ħin illokkjalu idu u mmanettjawh, lil CO 175 beda jgħidlu li lil Daphne qattgħuha f'ħames biċċiet u lilu f'seba' biċċiet.

- **CO 175 Noel Mifsud Bonnici** (*a fol.* 72 *et seq.*) xehed li qatt ma kellu kwistjoni mal-appellant u li dan l-inċident kien l-unika darba. Mistoqsi jgħid f'liema sena seħħ dan l-inċident, wieġeb (*a fol.* 72): *"2018/2019 xi ħaġa hekk"*. Jgħid li wara ma kellux inċidenti oħra. Jixhed li dakinhar tal-akkadut għal ħabta tad-8.45pm-9.15pm kienu ġew eskortati numru ta' priġunieri fosthom l-appellant minn diviżjoni tlettax (13) għal diviżjoni sitta (6) minħabba mġieba ħażina. Ix-xhud identifika lill-appellant allura imputat kemm bil-maskra kif ukoll mingħajrha. Jispjega li hu kien immanettjat minn CO 143 idejh fuq wara waqt li hu (l-appellant) kien talab għat-tabib għal għajnuna medika. Jgħid li nġieb it-tabib u li hu (Mifsud Bonnici) mar fuq l-appellant u qallu biex ikellem lit-tabib u li l-appellant wieġbu (*a fol.* 73): *""[...t]indaħalx int", qalli "lilek x'taf x'nagħmillek bħal Caruana Galizia", għidltu "kif x'tagħmilli?" u waqaf hemm."* Jispjega li ma kienx hu li ħa l-biċċa li l-appellant kellu f'idejh u reġa' qal li kien C0 143 li mmanettja lill-appellant.

Illi din il-Qorti ma tara ebda inkonsistenza bejn dak li xehed CO 121 Patrick Aquilina u CO 175 Noel Mifsud Bonnici. Mix-xiehda mogħtija minnhom toħroġ il-verita' li f'idejh l-appellant kellu biċċa plastik bil-ponta u l-kliem tat-theddid huwa identiku fiż-żewġ verżjonijiet mogħtija. Ma hemm ebda bdil fil-verżjoni ta' CO 121 Patrick Aquilina. Dwar min immanettja lill-appellant, dan huwa dettal ta' anqas importanza meta paragunat mal-bqija li ngħad mix-xhieda in kwistjoni. Il-qofol hawn kien il-kliem li ngħad u x'kellu f'idejh l-appellant. Iż-żewġ xhieda (CO 121 Patrick Aquilina u CO 175 Noel Mifsud Bonnici) għandhom jitqiesu bħala xhieda okulari u hawn ma teżistiex kwistjoni ta' xhieda ċirkostanzjali.

Illi din il-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** (Numru 38/2011) deċiża fil-31 ta' Ottubru 2013, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Ma hemm xejn ħażin illi l-Qorti tistriħ fuq xhud wieħed biss kif *del resto* hija ntitolata li tagħmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jgħid illi xhud wieħed jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tiġi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida mogħtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9."

Illi apparti dak li għadu kemm ġie ċċitat għandu jingħad ukoll li din il-Qorti ma tara l-ebda kunflitt fil-provi mressqa li b'xi mod jew ieħor għandu jwassal lil din il-Qorti sabiex tilqa' l-aggravju in eżami tal-appellant u għaldaqstant, minħabba r-raġunijiet kollha msemmija hawn fuq, l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa li kwalunkwe prova li ġiet ippreżentata fil-kawża tal-ko-imputati għandha tiġi sfilzata mill-atti proċesswali. Jisħaq li dawn mhux provi ammissibbli fil-konfront tiegħu u li ma ttieħdux fil-preżenza tiegħu. Jgħid li l-imputazzjoni ma ġietx ippreżentata b'ġurament tal-Uffiċjal Investigattiv u lanqas ma ġiet ippreżentata separatament wara li kienet ordnata s-separazzjoni tal-ġudizzju. Jgħid li ġialadarba xhud ikun debitament notifikat, il-Qorti ma għandhiex tgħaddi għas-sentenza bla ma tisimgħu.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tinnota li aktar 'il fuq f'din is-sentenza ġie mniżżel li l-Ewwel Qorti kienet ordnat is-separazzjoni tal-ġudizzju. L-inkartament ta' dawn il-proċeduri jinkludi dak li kien sar quddiem l-Ewwel Qorti qabel ma ġiet ordnata s-separazzjoni tal-ġudizzju u kif ukoll wara. Din il-Qorti eżaminat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Jannar 2020 (*a fol.* 37) meta

ġiet ordnata s-separazzjoni tal-ġudizzju u eżaminat ukoll ix-xiehda ta' CO 169 Joseph Barbara (*a fol.* 58 *et seq.*), CO 143 Noel Buttigieg (*a fol.* 60 *et seq.*) u CO 175 Noel Mifsud Bonnici (*a fol.* 62 *et seq.*) li xehdu fil-proċeduri kontra l-ko-imputati. Jirriżulta li l-ko-imputati ma ppreżentaw xejn fl-atti proċesswali u ma xehdux u jirriżulta wkoll li l-Ewwel Qorti ordnat is-separazzjoni tal-ġudizzju biex il-proċeduri jitkomplew ladarba l-appellant allura imputat ma seta' ikun notifikat b'xejn. Ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni kollha qalu li t-tliet imputati l-oħra ma kienu għamlulhom xejn u dawn ġew liberati. Ma hemm ebda prova fil-proċess li turi li l-ko-imputati ppreżentaw xi prova kontra l-appellant.

Illi dwar dak ilmentat mill-appellant li l-imputazzjoni ma ġietx ippreżentata b'ġurament tal-Uffiċjal Investigattiv, dan ma kienx meħtieġ fir-rigward tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant allura imputat.

Illi minħabba r-raġunijiet imsemmija hawn fuq, it-tieni aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tielet aggravju</u> tal-appellant huwa li huwa kien diġa' mogħti piena fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. Jgħid li immedjatament wara l-akkadut huwa ttieħed f'diviżjoni sitta (6) tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u li b'hekk diġa' ngħata kastig. Jirreferi għal Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u għal Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u jagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Zammit et** f'liema sentenza l-Qorti kellha tiddetermina jekk il-proċeduri li jkunu ttieħdu humiex kriminali jew xort'oħra (per eżempju, dixxiplinari). Imbagħad hija addotat l-kriterju tal-Qorti Ewropea li jintużaw fl-eżami taħt Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jekk reat hux kriminali. Jisħaq li f'dan il-każ li dwaru qed tingħata din is-sentenza, il-piena kienet ta' aktar priġunerija intensiva u kienet tikkwalifika bħala waħda ta' natura penali.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li hija mhijiex Qorti Kostituzzjonali u ma għandha ebda kompetenza li tiddeċiedi kwistjonijiet ta' indoli kostituzzjonali.

Illi fis-sentenza msemmija mill-appellant fl-aggravju in eżami u ċioè dik mogħtija fl-10 ta' Jannar 2005 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Zammit et** (Numru 16/2003), il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

> "4. [...] Din il-Qorti tagħmilha ċara li ma għandha ebda illużjoni dwar kemm huwa importanti, u żgur ukoll difficli, li wieħed iżomm id-dixxiplina u l-ordni f'ħabs. Il-lista ta' "reati kontra d-dixxiplina" fir-Regolament 75, hija kjarament intiża sabiex tipprova tassigura proprju dak enunċjat fir-Regolament 74(1). F'din il-lista wieħed isib għemil li huwa purament kwistjoni ta' dixxiplina (bħal, per eżempju, li priġunier juri nuqqas ta' rispett lejn uffiċjal tal-ħabs jew lejn xi persuna li tkun qed iżżur il-ħabs – Reg. 75(o)), filwaqt li oħrajn jistgħu jagħtu lok ukoll għal proċeduri quddiem Qorti ta' Ġustizzja Kriminali (bħal, per eżempju, li priġunier jagħti n-nar lil xi proprjeta' kemm tiegħu stess jew le – Reg. 75(k)). Kif diġa' ngħad, l-Artikolu 4(1) tal-Protokoll Numru Sebgha ma hux ta' ostakolu li, fuq l-istess fatt, jittieħdu kemm proċeduri dixxiplinari kif ukoll proċeduri kriminali, u dan indipendentement ukoll mill-ordni li fih dawn jittieħdu. Issa, fl-każ *de quo* Zammit, Woods u Ahmed Esawi it-tlieta li huma ġew akkużati, għal finijiet ta' dixxiplina, fost oħrajn bir-reat "dixxiplinari" kontemplat fil-paragrafu (u) tar-Regolament 75, u ċioè talli ħarbu waqt li kienu miżmuma jew meqjusa li kienu miżmuma fil-ħabs. Dan ir-reat jista' jġib miegħu, skont ir-Regolamenti dwar il-Ħabs, il-possibilita' ta' "loss of remission" ta' mhux aktar minn tlett mija ħamsa u sittin (365) jum (ara r-Regolament 78(1)(g)). Effettivament huma t-tlieta ġew misjuba ħatja mill-Bord skont l-imsemmi paragrafu (u) u kkundannati l-massimu ta' *loss of remission* fuq din l-akkuża, liema sejbien ta' ħtija u

piena ġew konfermati (fir-rigward ta' Zammit u ta' Ahmed Ezawi – Woods ma appellax) mit-Tribunal ta' l-Appelli. Din il-Qorti, fid-dawl ta' dak deċiż mill-Qorti ta' Strasbourg kemm fil-każ ***Campbell and Fell v. United Kingdom***[1] kif ukoll aktar reċentement fil-każ ***Ezeh and Connors v. United Kingdom***[2] ma tistax ma tqisx tali piena ta' *loss of remission* (ċioè fl-ammont ta' 365 jum ossia sena) bħala piena "kriminali" u mhux sempliċement dixxiplinari għall-finijiet tal-Konvenzjoni, u dan minħabba n-natura (telf ta' liberta' personali) u s-severita' tagħha, b'mod għalhekk li anke l-proċeduri li wasslu għaliha kienu wkoll fir-realta' ta' natura penali u mhux sempliċement dixxiplinari. Kif intqal fil-każ ***Campbell and Fell***:

***"...the Court is of the opinion that the forfeiture of remission which Mr Campbell risked incurring and the forfeiture actually awarded involved such serious consequences as regards the length of his detention that these penalties have to be regarded, for Convention purposes, as 'criminal'."*** (para. 72)

5. Jiġi preċiżat għal kull buon fini li priġunier li qed iservi sentenza ta' priġunerija għal għomru la jista' jikseb *remission* (Regolament 14(4) tar-Regolamenti dwar il-Ħabs) u għalhekk anqas jista' jitlef tali *remission*, bil-konsegwenza li l-paragrafu (g) tar-Regolament 78(1) ma jistax ikun applikabbli għalih. Il-Qorti tippreċiża wkoll li għal dak li jirrigwarda l-akkuża taħt il-paragrafu (j) tar-Regolament 75 – u ċioè li wieħed *"jieħu, mingħajr awtorita' jew raġuni leġittima, xi oġġett li jkun jappartjeni lil persuna oħra jew lill-ħabs"* – dan jista' jġib biss massimu ta' *loss of remission* ta' mija u għoxrin jum ossia erba' xhur; din il-Qorti hi tal-fehma li tali piena ossia waħda li tista' tissarraf f'żieda ta' biss erba' xhur aktar ta' priġunerija

[1] "28 June, 1984."
[2] "15 July, 2002."

effettiva, tista' titqies bħala waħda dixxiplinari, u għalhekk il-fatt li Zammit, Woods u Ahmed Esawi ġew liberati minn dik l-akkuża ifisser li huma ġew liberati minn akkuża dixxiplinari u mhux minn waħda li hija fir-realta' ta' natura kriminali.

6. Anqas ma tista' din il-Qorti taċċetta l-argument ta' l-appellant li hawn *non si tratta* ta' deċiżjoni definittiva ossia li għaddiet in ġudikat. Fil-fehma tal-Qorti d-deċiżjoni saret definittiva mal-pronunzjament tat-Tribunal ta' l-Appelli.

7. Inoltre din il-Qorti tosserva li hemm sostanzjalment identita' fl-elementi bejn ir-reat kontemplat fir-Regolament 75(u) tar-Regolamenti dwar il-Ħabs u dak kontemplat fl-Artikolu 152 tal-Kodiċi Kriminali, bl-ewwel reat ikopri dak kollu li jkopri it-tieni wieħed. F'dan il-kuntest din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak deċiż mill-Qorti ta' Strasbourg fil-każ ***Fischer v. Austria***[3]:

***"The Court observes that the wording of Article 4 of Protocol No. 7 does not refer to 'the same offence' but rather to trial and punishment "again" for an offence for which the applicant has already been finally acquitted or convicted. Thus, while it is true that the mere fact that a single act constitutes more than one offence is not contrary to this Article, the Court must not limit itself to finding that an applicant was, on the basis of one act, tried or punished for nominally different offences. The Court, like the Austrian Constitutional Court, notes that there are cases where one act, at first sight, appears to constitute more than one offence, whereas a closer examination shows that only one offence should be prosecuted because it encompasses all the wrongs contained in the others…An obvious example would be an act which constitutes two offences, one of which contains precisely the same elements as the other, plus***

[3] "29 August, 2001."

***an additional one. There may be other cases where the offences only slightly overlap. Thus, where different offences based on one act are prosecuted consecutively, one after the final decision of the other, the Court has to examine whether or not such offences have the same essential elements."*** (para. 25).[4]""

Illi riferenza tista' ssir għal sentenzi oħra din id-darba mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-prinċipju ta' *ne bis in idem*. Per eżempju mill-*Factsheet* maħruġ mill-Kunsill tal-Ewropa jirriżulta li fis-sentenza ***Maszni v. Romania*** tal-21 ta' Settembru 2006 ingħad hekk:

*"The court observed in particular that, although under Romanian Law the withdrawal of a driving licence was classified as an administrative measure, the seriousness of the measure lent it a punitive and deterrent character, which made it comparable to a criminal sanction. The close connection between the two penalties imposed on the applicant led the Court to conclude that the revocation of his driving licence appeared to be a penalty accompanying and forming an integral part of the criminal conviction. It therefore held that there had been no violation of Article 4 of Protocol Number 7."*

Illi mill-istess *Factsheet* hawn fuq imsemmija jirriżulta li fis-sentenza fl-ismijiet ***Grande Stevens and Others v. Italy*** tal-4 ta' Marzu 2014 il-Qorti kkunsidrat li r-rikorrenti kienu diġa' ħallsu *an administrative penalty*. Jingħad hekk:

*"In addition, proceedings before Consob and the criminal courts concerned the same conduct by the same persons on the same date. It followed that the new proceedings concerning a second "offence" originated in identical events to those which had been the subject-matter of the first and final conviction, which in itself amounted to a violation of Article 4 of Protocol No.7."*

---

[4] "Ara wkoll ***W.F. v. Austria***, 30/08/2002."

Illi din il-Qorti eżaminat is-sentenzi ċitati fosthom dik tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta. Minn din jirriżulta li l-Qorti għamlet distinzjoni bejn *loss of remission* ta' erba' xhur u *loss of remission* ta' sena. Jirriżulta li l-Qorti Kostituzzjonali ma qisitx *loss of remission* ta' erba' xhur bħala li jammonta għal sanzjoni kriminali għaliex din tibqa' fl-isfera dixxiplinari. Fil-każ li dwaru qed tingħata din is-sentenza m'hemm ebda riferenza għal xi *loss of remission*. Hemm biss emfażi li meta priġunier jittieħed f'diviżjoni sitta (6) l-ħajja għalih issir aktar diffiċli. Skont ir-*records* (Dok. "HG 1" – *a fol.* 67) ippreżentati minn Helenio Galea jirriżulta li wara l-akkadut l-appellant għadda għaxart ijiem f'diviżjoni sitta (6). Fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, li qieset li erba' xhur *loss of remission* ma jammontawx għall-penali kriminali, din il-Qorti ma tista' qatt tqies penali kriminali ż-żamma tal-appellant għaxart ijiem f'diviżjoni sitta (6). Għaldaqstant din il-Qorti qed tiċħad it-tielet aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi r-<u>raba' aggravju</u> jikkonsisti fil-fatt li skont l-appellant il-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet waħda eċċessiva. L-appellant jitlob li din il-piena tiġi riformata. Huwa jisħaq li l-piena għandha tkun mezz riformattiv u mhux wieħed retributtiv u jagħmel riferenza għal ġurisprudenza.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-piena li temerġi minn Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li l-appellant allura imputat ġie misjub ħati tiegħu b'dan illi ħadet in konsiderazzjoni wkoll dak li jiddisponi Artikolu 33A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li japplika għal dan il-każ u li jaqra hekk:

> "Meta jsir xi reat minn persuna waqt li tkun priġunier il-piena għal dak ir-reat fil-każ ta' sejbien ta' ħtija <u>għandha tiżdied bi grad jew tnejn</u> u dispożizzjonijiet tal-Artikoli 21 u 28A u tal-Att dwar il-*Probation* m'għandhomx japplikaw." [emfażi miżjuda]

Illi fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti ma tara li hemm l-ebda raġuni li twassalha sabiex tilqa' l-aggravju in kwistjoni u għaldaqstant dan l-aggravju qed jiġi miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Ivan Bajada u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**